**11 ta' Jannar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Franco Depasquale B.A., LL.D.**
**Onor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D**

Emmanuel Sultana et

*versus*

Anthony Cassar

**Applikazzjoni ħażina tal-liġi – Ritrattazzjoni**

*L-interpretazzjoni mogħtija minn Qorti mhix soġġetta għal ritrattazzjoni meta ma ġiex ukoll ippruvat li kien hemm liġi applikata ħażin.*

*Ir-rimedju ta' ritrazzjoni għandu dejjem jitqies u jittieħed bħala wieħed ta' indole straordinarja u r-regoli li jiggvernaw dan ir-rimedju eċċezzjonali huma konsegwentement ta' interpretazzjoni stretta ħafna.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tagħha diversament komposta fil-kawża fl-ismijet premessi mogħtija fl-4 ta' Frar, 1992, li ddeċidiet hekk:-

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni ta' ritrazzjoni ta' Anthony Cassar li permezz tagħha talab li din il-qorti jogħġobha tħassar dik l-parti tas-sentenza fuq imsemmija ta' 1-4 ta' Frar, 1992, fejn laqgħet is-seba' (7) u t-tmien (8) talba ta' l-atturi u tordna illi jiġi rritrattat il-meritu ta' dawn iż-żewġ talbiet a tenur ta' l-art.811 (e) tal-Kap. 12 bl-ispejjeż kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta' Emanuel Sultana u Joseph Sultana li biha opponew għat-tħassir ta' l-imsemmija sentenza u għar-ritrattazzjoni tal-kawża;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u eżaminat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet, ikkontenuti kemm fil-petizzjoni kif ukoll fir-risposta;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Ikkunsidrat li l-bażi ossija r-raġuni għar-ritazzjoni hija li s-sentenza applikat il-liġi ħażin., L-art.881 (e) tal-Kap.12 iċċitat mir-ritrattant hekk jgħid. Fl-istess waqt però l-istess sub-artikolu

jikkontjeni ***expressis verbis*** il-preċizazzjoni segwenti:-

"għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stbbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

Illi r-ritrattant issottometta li l-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza naqset li tieħu in konsiderazzjoni d-distinzjoni bejn l-artikolu 426, u dak ta' qablu, 425, tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi. Huwa ma jikkontestax il-fatti tal-każ però jgħid li s-sentenza mhix skond il-liġi. Skond hu, l-art. 426 tal-Kodiċi Ċivili ma ried jagħmel l-ebda restrizzjoni fil-ftuħ ta' aperturi fil-ħajt fuq barra ħlief restrizzjoni waħda dwar l-istabilità tal-ħajt. Billi l-liġi hija ċara dwar dan u ma tagħmilx tali restrizzjonijet, il-Qorti ta' l-Appell, ma setgħetx allura toħloq dawn ir-restrizzjonijiet u meta għamlet hekk ġiet li applikat ħażin il-liġi in materja;

In risposta, ir-ritrattati ċaħdu li bis-sentenza msemmija kien hemm xi applikazzjoni ħażina tal-liġi min-naħa tal-Qorti ta' l-Appell jew li din b'xi mod erogat il-funzjonijiet ta' leġislatur billi kkreat xi liġi hi;

Il-partijiet, permezz tad-difensuri rispettivi, għamlu wkoll sottomissjonijiet orali li fihom daħlu wkoll fl-isfond ġuridiku li ta lok għat-tnissil ta' l-art. 426 tak-Kodiċi Ċivili. Ir-ritrattant sostna li l-Qorti ta' l-Appell lanqas daħlet f'dik li hija interpretazzjoni għax fid-deċiżjoni tagħha ma spjegat xejn. Mill-banda l-oħra, ir-ritrattati irrilevaw li l-Qorti ta' l-Appell għamiltha ċara li wara li eżaminat l-atti kollha rat li l-

konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti kienu ineċċipibbli;

Illi meta din il-Qorti, kif illum komposta, għarblet mill-ġdid il-provi fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula, waslet għall-konklużjoni li dak li in realtà qed jasserixxi r-ritrattant Cassar mhu xejn ħlief li, skond hu, din il-Qorti tat interpretazzjoni ħażina jew skorretta ta' l-art. 426 tal-Kodiċi Ċivili u mhux li applikat arikolu flok ieħor bi żball. Huwa minnu li jissemma fil-petizzjoni l-artikolu preċedenti wkoll imma dan l-eżerċizzju sar merament bl-iskop li tinħareġ interpretazzjoni diversa minn dik raġġunta mill-Qorti dwar l-art. 426 tal-Kodiċi Ċivili u mhux li applikat artikolu flok ieħor bi żball. Juwa minnu li jissemma fill-petizzjoni l-artikolu preċedenti wkoll imma dan l-eżerċizzju sar merament bl-iskop li tinħareġ interpretazzjoni diversa minn dik raġġunat mill-Qorti dwar l-art. 426;

Illi meta din il-Qorti kienet esprimiet ruħha u ddiċidiet li għandha tabbraċċja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gzejjer ta' Għawdex u Kemmuna fl-4 ta' Frar, 1988, dan kien ifisser li r-ragunijiet mogħtijin fl-ewwel sentenza ġew ukoll addottati u segwiti mill-Qorti ta' l-Appell;

Illi kienet x'kienet l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell mhix soġġetta għal ritrazzjoni meta ma ġiex ukoll ippruvat li kien hemm liġi applikata ħażin u f'dan is-sens ir-ritrattant ma jindikax xi artikolu ieħor ġdid li l-Qorti ta' l-Appell kien messha ddeċidiet fuqu u minflok l-artikolu ċ-ċitat;

Kif tajjeb ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet "Lewis Camenzuli et *vs.* Vivienne Saliba" ta' din il-Qorti mogħtija fis-26 ta' April, 1993. li għamlet ukoll riferenza għal deċiżjoni anterjuri u aktar eleborata in data t' l-20 ta' Jannar, 1992, in re **Xuereb utrinque**,

lanjanza bħal dik ssollevata mir-rittrattant f'din il-kawża ma tistax tifforma raġuni tajba u valida għall-fini ta' ritrattazzjoni in bażi ta' l-artikolu 811 (e) tal-kap.12 billi ma tinkwadrax ruħha fit-termini ta' l-istess liġi. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni għandu dejjem jitqies u jittieħed bħala wieħed ta' indole straordinarja (Kollaz. VOL.XXIX - I - 798) u r-regoli li jiggvernaw dan ir-remedju eċċezzjoniali huma konsegwentement ta' interpretazzjoni stretta ħafna (ara kollez. VOL.XXVII - I - 88 u Vol.XLII - I - 227). Illi kif ġie rritenut ukoll mill-Qrati tagħna (VOL.XXV - I - p.141.-2), dan ir-rimedju,

*"non si da per qualunque caso di vera o supposta inġustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabiltà del ġiudicato che solo puo' mettere fine alla lite, poichè l'autorità della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile"*;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiċħad it-talba ta' Anthony Cassar biex tiġi rrevokata s-sentenza msemmija u tiċħad ukoll it-talba tiegħu biex il-kawża relattiva tiġi ritrattata;

L-ispejjeż ġudizzjarji ta' din il-proċedura jitħallsu mill-istess ritrattanti Cassar interament.